# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **964/2021**

## MOHAMAD KASEM (KI 79615L)

**VS**

## MARGARET GALEA (KI 147563M)
## U
## LESLIE GALEA (KI 353164M)

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Settembru 2022**

**Il-Qorti**:

1. Dan huwa provvediment dwar talba ta' Margaret Galea u Leslie Galea magħmula fit-termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3794/2021, għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala;

**Preliminari**

2. Permezz ta’ rikors preżentat **fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 3794/2021 fit-termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12** datat disgħa u għoxrin (29) ta’ Settembru 2021, **<u>Margaret Galea u Leslie Galea</u>** ppremettew:

    a. Illi l-kambjala li qed jippretendi Mohamad Kasem il-ħlas tagħha għandha tiġi eżaminata sewwa għaliex jekk ma tkunx imbagħbsa din għandha skadenza, mhux dik li qed jippretendi Mohamad Kasem;

    b. Illi d-data tal-ħlas tal-istess kambjala tirriżulta ferm ferm bogħod minn dik li qed jippretendu l-istess;

    c. Illi għalhekk hemm il-benefiċċju tat-terminu u ma jistax jingħad illi l-istess kambjala immaturat għall-ħlas;

    d. Min kiteb il-kambjala, id-data tas-sena li għamel flok is-sena 2021 hija sena li hija wisq distanti mis-sena 2021;

    e. Illi m’hi permessa l-ebda korrezzjoni skont l-Artikolu 175 tal-Kap 12 biex jikkoreġu dik id-data u jġibuha eqreb;

    f. Għaldaqstant, it-talba kontenuta fl-ittra uffiċjali tas-sitta (6) ta’ Settembru 2021 hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Barra minn hekk, Margaret Galea ma kellhiex il-poter li torbot lill-komunjoni tal-akkwisti b’kambjala ta’ dak l-ammont, ukoll jekk wieħed jippreżumi li l-firma hija tagħha. Dejn bħal dak ta’ mara u raġel miżżewġin jeħtieġ il-firma tat-tnejn skont il-Kodiċi Ċivili peress illi hija amministrazzjoni straordinarja. Għaldaqstant għal din ir-raġuni wkoll il-kambjala ma tistax titqies li saret skont il-Kodiċi Ċivili u l-amministrazzjoni tal-miżżewġin;

3. Permezz ta’ digriet mogħti nhar is-sebgħa u għoxrin (27) t’Ottubru 2021, din il-Qorti, wara illi rat ir-rikors ippreżentat fid-disgħa u għoxrin (29) ta’ Settembru 2021, ordnat in-notifika lil Mohamad Kasem bi żmien għaxart (10) ijiem għar-risposta, u appuntat ir-rikors għas-smigħ għas-seduta tal-Ħamis, ħamsa u għoxrin (25) ta’ Novembru 2021;

4. B’risposta datata sittax (16) ta’ Frar 2022, **Mohamad Kasem** eċċepixxa:

    a. Illi l-kambjala li r-rikorrenti qed jitolbu s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħha saret fil-preżenza tan-Nutar Dr Anne Marie Tonna u li kif kien ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-proċeduri, id-data tal-maturita’ u konsegwentement tal-ħlas mifthiema bejn il-kontendenti fil-preżenza tal-istess Dr Anne Marie Tonna hi t-tletin (30) t’April tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021);

    b. Illi di fatti l-eżekuzzjoni tal-kambjala mertu tal-proċeduri odjerni diġa’ bdiet meta r-rikorrenti *qua* debituri ħallsu l-ammont ta’ ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000), liema ħlas sar permezz ta’ ċekk datat sitta u għoxrin (26) ta’ Jannar tas-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021) pagabbli lil Mohamad Kasem *qua* kreditur;

    c. Illi l-imsemmi ċekk inħareġ mill-kont bankarju appartenenti lir-rikorrenti Leslie Galea;

    d. Illi minn dan isegwi li dak li qegħdin isostnu r-rikorrenti fil-ħames (5) paragrafu tar-rikors tagħhom ossia li r-rikorrenti Margaret Galea ma kellhiex il-poter li torbot lill-komunjoni tal-akkwisti ma tistax tiġi milqugħa fil-każ odjern in vista tal-fatt li kien l-istess rikorrenti Leslie Galea li rrikonoxxa li l-ammont kontenut fil-kambjala msemmija huwa assew dovut tant li kien hu li ħallas l-ammont surifert ta’ €25,000;

    e. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri;

    f. Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti konjuġi Galea;

**Il-Qorti**

5. Reġgħet rat ir-rikors ta' **Margaret Galea u Leslie Galea** datat disgħa u għoxrin (29) ta' Settembru 2021;

6. Reġgħet rat ir-risposta ta' **Mohamad Kasem** datata sittax (16) ta' Frar 2022 u d-dokument anness miegħu, cioe dikjarazzjoni ġuramentata tan-Nutar Dr Anne Marie Tonna a fol 15 tal-proċess u kopja tal-kambjala in kwestjoni annessa mal-istess dikjarazzjoni ġuramentata a fol 16 tal-proċess;

7. Rat illi waqt is-seduta tal-ħdax (11) ta' Marzu 2022, Margaret u Leslie konjuġi Galea ddikjaraw illi ma kellhomx provi xi jressqu oltre dak illi jirriżulta mill-atti, u cioe d-dokument ippreżentat mar-risposta ta' Mohamad Kasem;

8. Rat id-dikjarazzjoni ġuramentata ta' Mohamad Kasem preżentata permezz ta' nota waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Mejju 2022 a fol 21 u 22 tal-proċess, illi magħha ġew annessi: (a) rendikont tal-kont bankarju tal-istess Mohamad Kasem, a fol 23 tal-proċess; (b) kopja tal-kambjala in kwestjoni, a fol 24 tal-proċess; u (ċ) kopja ta' ċekk maħruġ minn Leslie Galea f'isem Mohamad Kasem, a fol 25 tal-proċess;

9. Rat illi waqt is-seduta tat-tlettax (13) ta' Mejju 2022, Mohamad Kasem iddikjara illi ma kellux aktar provi xi jressaq;

10. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konjuġi Galea datata tmienja (8) ta' Ġunju 2022, a fol 26 *et seq* tal-proċess;

11. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Mohamad Kasem datata ħmistax (15) ta' Lulju 2022, a fol 29 *et seq* tal-proċess;

12. Rat illi r-rikors ġie differit għas-seduta tal-lum sabiex jingħata provvediment;

13. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

14. It-talba rikorrenti hija bbażata fuq il-*proviso* tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi jistabbilixxi:

> *B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew promissory note tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew promissory note kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew promissory note esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew promissory note tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ*

15. Jirriżulta għalhekk minn dan il-provvediment tal-liġi illi tnejn huma ċ-ċirkostanzi illi fihom din il-Qorti għandha s-setgħa tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' kambjala, u cioe:

    i. Meta l-firma fuq il-kambjala ma tkunx tar-rikorrenti jew tal-mandatarju tar-rikorrenti; jew

    ii. Fejn ikun hemm raġunijiet oħra gravi u validi mressqa mir-rikorrenti illi minħabba fihom ir-rikorrenti jkun qed jopponi għall-eżekuzzjoni;

16. Qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tindirizza dawn iż-żewġ xenarji, ta' min wieħed ifakkar illi jeżistu żewġ tipi ta' kambjali: dawk ġirati lil terzi, u dawk

li ma jkunux. Ġie spjegat fil-provvediment mogħti fl-ismijiet ***Clean Away Service Limited vs Paul Cutajar***[1]:

> *[...] Kambjali ġirati lil terzi – a contrario ta' dawk li ma jkunux – jakkwistaw natura awtonoma u indipendenti mill-obbligazzjoni li fuqha tkun inħarġet il-kambjala. Fi kliem ieħor kambjala mhux ġirata ma tistax timxi waħedha mingħajr referenza għal ftehim li wassal għal ħruġ tagħha.*
>
> *In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* **John Giordimaina vs Joseph Pace et** *(Ċit Nru 3391/1996/2) deċiża fis-16 ta' Jannar 2003, fejn għamlet din l-osservazzjoni fir-rigward:*
>
> > *"Din il-Qorti trid tirrimarka ukoll li meta kambjala tibqa' fil-patrimonju tal-kredituri tal-obbligazzjoni (cioe ma tiġix ġirata), ma takkwistax natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok għall-istess kambjala. Fil-fehma ta' din il-Qorti, hu biss meta l-kambjala tkun ġirata li din takkwista valur "on the face of it", u allura ikun dipendenti fuq dak li joħroġ u jidher mill-kambjala stess. Kambjala, kif inhu magħruf, ma toħloqx novazzjoni, meta tibqa' f'idejn il-parti kontraenti ma tistax tiġi distakkata mill-obbligazzjoni oriġinali.*
> >
> > *L-iskop ta' kambjala hija li tista' tiġi ġirata malajr u meta tiġi ġirata takkwista karattru awtonomu. Mingħajr kambjala, kreditur jista' jagħmel kuntratt ta' ċessjoni ta' dritt taħt il-liġi ċivili, pero', fil-konfront tat-terz akkwirent, id-debitur xorta jkun jista' jissolleva*

[1] Rik Nru 552/2018, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 15 ta' Lulju 2021.

*eċċezzjonijiet li jolqtu n-negozju. Għalhekk, għall-kreditur, dan id-dritt ta' ċessjoni ma tantx hu effettiv għax ma tantx issib nies lesti jieħdu kreditu ta' ħaddieħor, u fl-istess ħin jibqgħu esposti għall-kwistjonijiet inerenti għall-obbligazzjoni li għaliha ma kienx partit. Għalhekk inħolqot il-kambjala. Peress li min jixtri kambjala, qed jixtri titolu ta' kreditu awtonomu, jaf li kwistjonijiet naxxenti mill-obbligazzjoni li wasslet għal dak il-kreditu, jibqgħu estranei għalih, għax hu, bħala terz akkwirent, jista' jfittex biss fuq il-kambjala. Bejn il-partijiet, pero', il-kambjala m'għandhiex ikollha din in-natura għax il-kambjala tkun biss prova tad-dejn li nħoloq bejn l-istess partijiet, u allura l-obbligazzjonijiet reċiproċi tal-istess partijiet huma rilevanti għal kull kawża li ssir għall-ħlas. Fi kliem ieħor, azzjoni fuq kambjala bejn il-partijiet li ħarġu l-istess, ma tistax timxi waħedha mingħajr referenza għall-ftehim li wassal għall-ħruġ tagħha (ara "<u>Scicluna vs Vella</u>", Qorti tal-Kummerċ, 18 ta' Marzu 1965)."*

*In oltre ġie ritenut li meta l-kambjala ma tkunx ġiet ġirata u tibqa' f'idejn il-kreditur oriġinali, id-debitur jista' jqanqal eċċezzjonijiet personali, bħal kompensazzjoni, il-pagament, jew il-maħfra totali jew parzjali tal-ammont kambjarju. Dan magħdud it-twaqqif tal-eżekuzzjoni ma jridx jitħallat mal-kwestjoni tas-siwi tal-kambjala jew ma' raġuni għat-tħassir tagħha, liema eżerċizzju ma jsirx taħt il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12, iżda b'kawża mressqa appożitament.*

Jirriżulta mill-atti illi l-kambjala in kwestjoni ma ġietx ġirata, iżda baqgħet f'idejn il-kredituri oriġinali, u cioe l-partijiet f'dawn il-proċeduri. Dan għalhekk ifisser illi l-kambjala illi dwarha qamet il-vertenza bejn il-partijiet

għadha m'akkwistatx natura awtonoma indipendenti mill-obbligazzjoni li tat lok għall-istess kambjala, hekk kif ġie spjegat fil-ġurisprudenza appena ċitata, iżda għadha rilevanti għall-kambjala l-obbligazzjoni bejn il-partijiet;

17. In oltre, ġie wkoll ritenut mill-Qrati nostrana illi l-indaġini illi għandha tagħmel il-Qorti meta rinfaċċjata bi proċedura ta' din ix-xorta hija waħda *prima facie*. Hekk, per eżempju, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Mark Gaffarena vs Brian Lia***[2], din il-Qorti kif diversement presjeduta qalet illi:

> *Il-proċedura odjerna hija waħda sommarja, fejn l-indaġni li trid tagħmel din il-Qorti hija waħda ta' prima facie, u għalkemm huwa minnu li l-liġi ma tagħmilx referenza speċifika għal 'prima facie' jew 'mad-daqqa t'għajn', il-bon sens jitlob li l-analiżi dettaljata għandha ssir fil-proċeduri li jsiru skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Dan iwassal ukoll għal ħsieb li l-leġislatur ried li kawżi bbażati fuq kambjali jitmexxew u jiġu deċiżi b'ħeffa insolita u għalhekk huma biss ammissibbli eċċezzjonijiet li ma jinħtieġux eżami fit-tul. In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet* **Charles Gatt noe vs Joseph Vassallo Gatt noe** *mogħtija fil-15 ta' Novembru 1993 fejn ġie ritenut li:-*
>
> > *"Huma biss ammisibbli eċċezzjonijiet li jkunu ta' faċli soluzzjoni. Eċċezzjonijiet li jinħtieġu eżami fit-tul ma jistgħux jingħataw u jekk dawn jingħataw dawn ma jiġux ikkunsiderati u deċiżi fl-istess kawża kambjarja, billi diversament il-kanonizzazzjoni u l-ħlas ta' l-import tal-kambjali jkun konsiderevolment irritardat u mtawwal. Dan mhux permess, għax altrimenti jintilef l-iskop kollu*

[2] Rik Nru 545/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Robert G Mangion, 27 ta' Mejju 2021

*ta' l-istitut kambjarju li hu li jaġevola ċ-ċirkostanzi mgħaġġla tal-krediti kummerċjali."*

18. Din il-Qorti sejra issa tgħaddi sabiex tindaga jekk, fuq bażi *prima facie*, jistax jingħad illi tissussisti waħda miż-żewġ ċirkostanzi elenkati fl-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

**A. <u>Il-firma fuq il-kambjala ma tkunx verament tal-Persuna li allegatament iffirmata</u>**

19. Fir-rikors in eżami, ir-rikorrenti jgħidu, *"Margaret Galea ma kellhiex il-poter li torbot lill-komunjoni tal-akkwisti b'kambjala ta' dak l-ammont, ukoll jekk wieħed jippreżumi li l-firma hija tagħha"*;

20. Minkejja illi r-rikorrenti jagħmlu użu mill-kelma *"jippreżumi"*, b'dana illi jitfgħu element ta' dubju dwar il-validita' tal-firma ta' Margaret Galea fuq il-kambjala[3], effettivament ma jressqu l-ebda prova illi biha jikkontestaw il-firma ta' Margaret Galea; <u>anzi</u> jibbażaw waħda mit-talbiet tagħhom għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza preċiżament fuq il-fatt illi Margaret Galea ffirmat il-kambjala waħedha, b'dana illi jirrikonoxxu illi l-firma hija tagħha;

21. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ssib illi l-ewwel raġuni kontemplata fl-Artikolu 253(e) ma tapplikax għall-każ odjern;

**B. <u>Raġunijiet oħra gravi u validi li jiġġustifikaw tali sospensjoni</u>**

22. Il-liġi ma tagħtix definizzjoni ta' dak illi għandu jikkostitwixxi *"raġunijiet oħra gravi u validi"*. Madanakollu, hekk kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Windsor Company Limited vs***

[3] Vide kopja tal-kambjala annessa mad-dikjarazzjoni ġuramentata tan-Nutar Dr Anne Marie Tonna, a fol 16 tal-proċess

***Sovereign Hotels Limited*[4]**, b'referenza għal osservazzjonijiet magħmula mill-Qrati Maltin f'diversi sentenzi dwar talbiet simili għal dik odjerna:

> *19. Il-ġurisprudenza tixħet dawl b'eżempji ta' ċirkostanzi differenti fejn ġiet analizzata t-terminoloġija ta' raġunijiet "gravi u validi". Hekk per eżempju, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet* ***Michael Attard Ltd v. Turista Ltd*** *deċiża fit-22 ta' Novembru 2012 osservat illi dawn ir-raġunijiet "gravi u validi" li jiġġustifikaw is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjali ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet ikkontemplati mil-liġi kummerċjali biex iżommu milli l-kambjala titħallas:*
>
> *"Illi l-Qorti hija tal-fehma li tali raġunijiet gravi u validi ma jistgħux ikunu usa' mir-raġunijiet maħsubin mil-liġi speċjali – il-Kodiċi tal-Kummerċ – biex iżommu milli kambjala titħallas. Lanqas ma hija tal-fehma li fi proċedura bħalma hija din tal-lum, il-Qorti tistħarreġ il-mertu ta' xi kwistjoni li tolqot is-siwi tal-kambjala nnifisha jew tal-obbligazzjoni li fiha titnissel, liema stħarriġ jidher li jmissu jsir f'kawża li titressaq speċifikatament għal dan il-għan. Kulma trid il-liġi f'din il-proċedura hu li l-Qorti tara jekk hemmx raġunijiet serji biżżejjed biex tissospendi l-esekuzzjoni tal-kambjala jew tal-promissory note li tkun";*
>
> *20. Mentri fis-sentenza tat-3 ta' Frar 2012, fil-kawża fl-ismijiet* ***Ian Pecorella v. Sovereign Caterers Ltd****, din il-Qorti kkunsidrat li jekk kemm-il darba jintwera mad-daqqa t'għajn li l-kambjala tkun inħarġet bi vjolenza jew tkun saret għal għanijiet li jiksru xi liġi, dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jitqiesu gravi biżżejjed sabiex iservu ħalli titwaqqaf l-eżekuzzjoni tagħhom, sakemm l-azzjoni għat-tħassir tal-*

[4] Rik Nru 239/2008, Qorti tal-Appell (Superjuri), 27 ta' Jannar 2021

*istess kambjali tkun tista' titressaq u tkun mistħarrġa mill-Qorti. Hekk ukoll fir-rigward tar-raġunijiet "gravi u validi" li jsemmi l-Artikolu 253(e), il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Frar 2008, fl-ismijiet* ***Giovanni Briffa v. Ronald Azzopardi****, ċitata mill-ewwel Qorti, fejn intlaqgħet talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala għar-raġuni li kienet allegata użura. F'dan is-sens ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Lulju, 2019, fil-kawża fl-ismijiet* ***Dr Ivan Gatt nomine v. Antoine Bartolo*** *fejn il-Qorti laqgħet it-talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' promissory note minħabba allegata simulazzjoni;*

23. Ir-rikorrenti jsostnu illi hemm żewġ raġunijiet għalfejn għandha tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjala in kwestjoni:

    a. **Illi l-kambjala għadha ma mmaturatx għall-ħlas, stante illi d-data tal-ħlas tal-istess kambjala ġiet indikata bħala *30 ta' April 20201*;** u

    b. **Illi Margaret Galea ma kellhiex il-poter torbot il-komunjoni tal-akkwisti b'kambjala ta' dak l-ammont, stante illi tali azzjoni tikkostitwixxi azzjoni ta' amministrazzjoni straordinarja fit-termini tal-Kodiċi Ċivili;**

24. Fir-rigward tal-**ewwel raġuni** mogħtija mir-rikorrenti, din il-Qorti hija tal-fehma illi ma tistax tikkonsidra din ir-raġuni bħala waħda *"gravi u valida"* biżżejjed illi timmerita illi tiġi sospiża l-eżekuzzjoni tal-kambjala in kwestjoni. Fl-ewwel lok, huwa ċar daqs il-kristall illi l-indikazzjoni tas-sena bħala *"20201"* minflok *"2021"* huwa dak illi jissejjaħ 'żball tal-pinna', u mhux referenza għas-sena 20201. Fit-tieni lok, hija n-**Nutar Dr Anne Marie Tonna**[5], illi quddiemha ġiet iffirmata l-kambjala, stess illi tikkonferma illi d-

[5] Vide dokument anness mar-risposta ta' Mohamad Kasem, a fol 15 tal-proċess

data ta' maturita' kellha effettivament tkun indikata bħala t-tletin (30) t'April 2021:

> *Jien hawn taħt iffirmata **Dr Anne Marie Tonna**, karta ta' l-identita' Maltija 560080M niddikjara u nikkonferma bil-ġurament illi l-kambjala annessa saret fil-presenza tiegħi u li d-data li dejjem kienet diskussa bejn il-partijiet quddiemi u d-data tal-ħlas mifthema kienet 30.04.2021 u li evidentament hemm żball ta' kitba fil-kambjala annessa.*

25. Mill-banda l-oħra, ir-rikorrenti ma jressqu l-ebda prova illi xxejjen jew mill-inqas titfa' dubju fuq id-dikjarazzjoni illi għamlet in-Nutar bil-ġurament tagħha, u lanqas għamlu mistoqsijiet lin-Nutar in kontro-eżami. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tifhem illi r-rikorrenti ma kinux qed jopponu jew joġġezzjonaw għal dak illi stqarret in-Nutar fid-dikjarazzjoni ġuramentata tagħha;

26. Għal kull buon fini, din il-Qorti tinnota wkoll illi d-dikjarazzjoni tan-Nutar Dr Anne Marie Tonna ġiet ukoll korraborata mill-intimat **Mohamad Kasem**, illi, fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu jgħid, *"Id-data tal-maturita' tal-istess kambjala konna miftehmin li tiskadi nhar it-tletin (30) ta' April elfejn u wieħed u għoxrin (2021)"*[6];

27. Finalment, ġie wkoll pruvat illi kienu r-rikorrenti stess illi, fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar 2021, għamlu ħlas akkont tal-bilanċ illi kien dovut minnhom lill-intimat skont il-kambjala[7], b'dana illi, minn jeddhom, taw bidu għall-eżekuzzjoni tal-kambjala in kwestjoni;

28. F'dak illi jirrigwarda t-**<u>tieni raġuni</u>** mogħtija mir-rikorrenti, din il-Qorti tinnota illi ġie wkoll ben pruvat illi meta Margaret Galea ffirmat il-kambjala, żewġha Leslie kien ben konxju u konsapevoli tal-obbligazzjoni illi huwa kien qiegħed jintrabat biha, u dan minkejja illi l-kambjala ma tagħmel l-ebda

[6] Vide dokument a fol 21 tal-proċess
[7] Vide kopja taċ-ċekk maħruġ minn Leslie Galea lil Mohamad Kasem, a fol 25 tal-proċess

referenza għalih. Żgur illi ma kienx ser jasal jirrilaxxa ċekk fl-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro (€25,000) lill-intimat Mohamad Kasem[8] li kieku ma kienx konsapevoli tal-azzjoni illi għaliha ffirmat martu, u li kieku ma kienx hu wkoll parti minnha. Mohamad Kasem, fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu, saħansitra jgħid illi l-kambjala, *"ġiet iffirmata minn Margaret Galea fil-preżenza ta' żewġha Leslie Galea"*, u r-rikorrenti **fl-ebda punt tal-proċeduri** ma jinnegaw dak illi ġie sostnut minn Kasem;

29. Għaldaqstant, fid-dawl tal-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi lanqas tissussisti raġuni gravi jew valida biżżejjed illi tista' twassal għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-kambjala in kwestjoni fit-termini tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12.

**Decide**

30. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad** it-talba rikorrenti.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrenti Margaret u Leslie konjuġi Galea.

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**

[8] Vide kopja taċ-ċekk a fol 25 tal-proċess